

Brussell, 17 ta' Ġunju 2022  
(OR. en)

10399/22

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2022/0123(NLE)**

---

**SCH-EVAL 85**  
**SIRIS 65**  
**COMIX 326**

## **EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI**

---

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

fi: 17 ta' Ġunju 2022

lil: Delegazzjonijiet

---

Nru. dok. preċ.: 9741/22

---

Suġġett: **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti rakkomandazzjoni biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2021 ta' Malta dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen**

---

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2021 ta' Malta dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen, adottata mill-Kunsill fil-laqgħa tiegħu tas-17 ta' Ġunju 2022.

F'konformità mal-Artikolu 15(3) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 tas-7 ta' Ottubru 2013, din ir-Rakkomandazzjoni ser tintbagħat lill-Parlament Ewropew u lill-Parlamenti nazzjonali.

## RAKKOMANDEZZJONI

**biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2021 ta' Malta dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 tas-7 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-*acquis* ta' Schengen u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tas-16 ta' Settembru 1998 li stabbiliet Kumitat Permanenti għall-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni ta' Schengen<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 15(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Bejn is-27 ta' Settembru u l-1 ta' Ottubru 2021 saret evalwazzjoni fil-qasam tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen fir-rigward ta' Malta. Wara l-evalwazzjoni, rapport li jkopri s-sejbiet u l-valutazzjonijiet u li jelenka l-aħjar Prattiki u n-nuqqasijiet identifikati matul l-evalwazzjoni, ġie adottat bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2022) 820.
- (2) It-tim ta' fuq il-post apprezza l-isforzi li saru minn Malta sabiex tistabbilixxi proċeduri li jikkonċernaw il-kontrolli tad-data tal-API mas-SIS u l-possibbiltà li l-Uffiċċju SIRENE jimmonitorja l-hits f'ħin reali.

---

<sup>1</sup> ĠU L 295, 6.11.2013, p. 27.

- (3) Jenħtieġ li jsiru rakkomandazzjonijiet dwar l-azzjonijiet korrettivi li jridu jittieħdu minn Malta sabiex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati bħala parti mill-evalwazzjoni. Fid-dawl tal-importanza tal-konformità mal-*acquis* ta' Schengen, jenħtieġ li tingħata prijorità lill-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet 1 sa 9.
- (4) Jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tintbagħat lill-Parlament Ewropew u lill-Parlamenti nazzjonali tal-Istati Membri. Jenħtieġ li, fi żmien tliet xhur mill-adozzjoni tagħha, Malta, f'konformità mal-Artikolu 16(1) tar-Regolament (UE) Nru 1053/2013, tistabbilixxi pjan ta' azzjoni li jikkoreġi n-nuqqasijiet identifikati fir-rapport ta' evalwazzjoni u tippreżenta dan il-pjan ta' azzjoni lill-Kummissjoni u lill-Kunsill.

#### JIRRAKKOMANDA:

li Malta għandha

1. tiżgura li l-applikazzjoni għall-fruntiera PISCES tinkludi sistema ta' kriptaġġ;
2. tiżgura li l-funzjonalità tat-tiftix tal-marki tas-swaba' tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen SIS-AFIS (Sistema Awtomatizzata għall-Identifikazzjoni tal-Marki tas-Swaba') tkun disponibbli għall-utenti finali biex tippermetti l-identifikazzjoni ta' persuni li l-identità tagħhom ma tkunx tista' tiġi aċċertata b'mezzi oħrajn f'konformità mal-Artikolu 22(3) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI;
3. tiżgura li l-Uffiċċju SIRENE jkun konxju tal-obbligu tal-Istat Membru emittenti li jinforma lill-Europol bi kwalunkwe hit dwar allerti relatati ma' reati terroristiċi skont l-Artikolu 27a(8) tar-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u l-Artikolu 41(8) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI;
4. tistabbilixxi u taqsam mal-awtoritajiet li jdaħħlu allerti proċedura ċara sabiex tiddetermina l-kompetenzi relatati mar-rabta tad-data bijometrika mal-allerti, f'konformità mal-Artikolu 20 moqri flimkien mal-Artikolu 23(2) tar-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI;

5. tiżgura li s-servizzi tal-immigrazzjoni jingħataw drittijiet tal-utenti fl-applikazzjoni tal-Lista Nazzjonali ta' Waqfien (NSL) li jindikaw it-tip ta' reat, sabiex is-servizzi (ikunu jistgħu) jinkludu din id-data meta jdaħħlu allerti skont l-Artikolu 24 fis-SIS permezz tal-NSL;
6. ittejjeb il-mod kif l-informazzjoni tintwera fl-applikazzjoni tal-pulizija nazzjonali, billi tagħmel disponibbli l-psewdonimi eżistenti kollha tal-identità ewlenija u f'każijiet ta' identità użata ħażin, sabiex issir distinzjoni ċara bejn il-vittma u l-awtur, b'mod partikolari billi tintwera d-data tal-identità ewlenija (l-awtur);
7. tiżgura li s-SIS tiġi kkonsultata sistematikament mill-utenti finali tal-pulizija f'konformità mal-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI;
8. tiżgura li s-SIS tkun kompletament u direttament aċċessibbli permezz tal-apparat mobbli li qed jintuża mill-Korp tal-Pulizija ta' Malta;
9. tiżgura li l-applikazzjoni għall-fruntiera PISCES turi l-konnessjonijiet, ir-ritratti, il-kategoriji tal-identità u d-disponibbiltà tal-Mandat ta' Arrest Ewropew u l-marki tas-swaba';
10. tiżgura li l-uffiċċju tal-N.SIS ikollu l-għadd xieraq ta' persunal;
11. tiżgura li s-sistema ta' kontroll tal-aċċess għall-kamra tal-kompjuters taċ-ċentru tad-data ta' riżerva (qarrej tal-marki tas-swaba') tkun operattiva;
12. tiżgura li l-istazzjonijiet tax-xogħol kollha jkunu mghamrin b'sistema operattiva aġġornata li tkun appoġġata mill-manifattur;
13. tikkonkludi ftehim aġġornat u fit-tul dwar il-livell ta' servizz sabiex tiżgura l-kontinwità tal-operat tal-Uffiċċju N.SIS;
14. tiżgura integrazzjoni effettiva tas-sistemi nazzjonali fil-livell tas-SIRENE u ttejjeb l-awtomatizzazzjoni tas-sistema ta' ġestjoni tal-każijiet SIRENE;

15. ittejjeb l-użu ta' kontrolli diskreti u speċifiċi u taġġorna l-proċeduri biex jiddaħħlu dawn it-tipi ta' allerti;
16. ittejjeb il-mod kif tintwera l-informazzjoni filwaqt li ddaħħal allerti għal kontrolli diskreti;
17. tippromwovi aktar l-għarfien u l-kuxjenza tal-awtoritajiet doganali biex jiġi żgurat li s-SIS tiġi kkontrollata sistematikament;
18. tiżgura li l-awtoritajiet li joħorġu l-viżi jkollhom aċċess sħiħ għad-data inkluż fl-allerti tas-SIS;
19. tiżgura li fil-port marittimu tkun disponibbli l-possibbiltà ta' tiftix awtomatiku jew tal-lott tal-listi tal-passiġġieri;
20. ittejjeb l-ġhodda ta' trazzjoni eżistenti disponibbli fis-Sistema tal-Pulizija Nazzjonali sabiex tinkludi t-traskrizzjoni tal-karattri Griegi;
21. ittejjeb il-mod kif l-informazzjoni tintwera fis-Sistema tal-Pulizija Nazzjonali filwaqt li tenfasizza l-markaturi ta' twissija għal oġġetti, il-hits dwar allerti għal kontroll diskret u speċifiku meta tkun meħtieġa azzjoni immedjata, il-konnessjonijiet bejn l-allerti tas-SIS u l-indikazzjoni ċara tan-numru tat-telefown tal-uffiċċju SIRENE li għandu jiġi kkuntattjat. tagħmel il-funzjonalità tat-tiftix f'diversi kategoriji dwar allerti dwar oġġetti u l-prijoritizzazzjoni tal-wiri ta' allerti tas-SIS iktar faċli biex tintuża;
22. ittejjeb l-applikazzjoni għall-fruntiera PISCES biex tiżgura li l-azzjoni immedjata u l-markaturi ta' twissija jiġu enfasizzati, jintwera n-numru ta' kuntatt tal-Uffiċċju SIRENE, jiġi żgurat li fil-każ ta' allerti mmarkati, l-azzjoni li trid tittieħed tkun ċara. ittejjeb l-għażliet ta' tiftix b'kont meħud tar-rekwiżiti minimi tad-data tal-allerti tas-SIS u tiżgura l-prijoritizzazzjoni tal-wiri ta' allerti tas-SIS; tiżgura li fil-kabini tal-ajruport u fl-għases tal-pulizija l-iskrins li juru l-allerti tas-SIS ma jkunux viżibbli minn barra;

23. tiżgura li l-applikazzjoni tas-SIS II turi b'mod ċar il-hits u li l-informazzjoni kollha meħtieġa tkun disponibbli minnufih fl-ewwel skrin. tiżgura li l-azzjoni alternattiva li trid tittieħed f'każ ta' hit dwar allerti mmarkati tkun ċara;
24. tiżgura taħriġ dedikat għall-persunal tas-SIRENE flimkien ma' taħriġ speċjalizzat għall-utenti finali dwar proċeduri relatati mas-SIS, b'mod partikolari l-pulizija u l-fizzjali tad-dwana dwar l-użu tal-applikazzjonijiet tat-tiftix tas-SIS.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---